MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 1001/2009/1

**Karmenu Mifsud eżerċenti l-kummerċ**
**bl-isem Karmenu Mifsud Funeral Services**

**v.**

**Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta;**
**u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2010**
**l-Awtorità għat-Trasport f'Malta assumiet l-atti**
**ta' din il-kawża minflok**
**l-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta**

1. Dan huwa appell tal-awtorità konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet eċċezzjoni preliminari ta' dekadenza taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk mill-ewwel Qorti:

"… irriżulta mill-provi prodotti illi fis-sena 2002 l-attur importa żewġ karrijiet funebri u intavola applikazzjoni mal-awtorità konvenuta sabiex din toħroġ liċenzja għall-vetturi illi kien importa. L-awtorità konvenuta kienet iddeċidiet fir-rigward ta' din it-talba billi irrifjutat li tirreġistra dawn iż-żewġ vetturi.

"Illi kien għalhekk illi l-attur ilmenta mal-Uffiċju tal-Kompetizzjoni Ġusta biex dan jistħarreġ il-validità tar-rifjut tal-awtorità *ai termini* tal-Kapitolu 379 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Uffiċju tal-Kompetizzjoni Ġusta kien iddikjara l-ilment inammissibbli u għalhekk l-attur talab illi din id-deċiżjoni tiġi imħarġa mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust.

"Illi fil-5 ta' Lulju 2004 il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust kienet tat deċiżjoni fejn qablet mal-konklużjoni tal-Uffiċju tal-Kompetizzjoni Ġusta fis-sens illi l-ilment tal-attur kien inammissibbli.

"Illi wara illi ngħatat din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust reġgħet sejħet liċ-*chairman* tal-awtorità quddiemha u ordnat lill-awtorità sabiex tilliċenzja ż-żewġ karrijiet funebri illi kien importa l-attur u effettivament dawn ġew liċenzjati fid-19 ta' Mejju 2006.

"Illi sussegwentement l-attur xtara u importa f'Malta erba' karrijiet funebri oħra, tnejn fis-sena 2006 u tnejn oħra fis-sena 2007. L-avukat tal-attur bagħat ittra lill-awtorità konvenuta fil-21 ta' Lulju 2006, illi permezz tagħha infurmaha illi l-attur kien ser jimporta żewġ karrijiet funebri oħra u talab lill-awtorità konvenuta toħroġ il-liċenzji rilevanti għal dawn iż-żewġ karrijiet funebri. Fil-21 ta' Awissu 2006 l-avukat tal-attur reġa' kiteb lill-awtorità konvenuta u infurmaha li kienet għadha ma ħaditx deċiżjoni dwar l-ewwel ittra tiegħu u illi kien għadu qiegħed jistenna li hi tagħtih deċiżjoni. Fil-25 ta' Ottubru 2006 l-awtorità konvenuta tat deċiżjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-attur u infurmat lill-avukat tiegħu illi l-awtorità konvenuta għalissa ma kinitx ser tirreġistra u

tilliċenzja il-karrijiet funebri. Illi b'hekk … permezz ta' din l-ittra l-awtorità konvenuta irrifjutat l-applikazzjoni tal-attur.
"Illi fl-24 ta' Awissu 2007 l-avukat difensur tal-attur reġa' kiteb lill-awtorità konvenuta fejn infurmaha illi apparti dawk iż-żewġ karrijiet funebri illi kien semma qabel l-attur kien xtara żewġ karrijiet funebri oħrajn u permezz ta' din l-ittra l-awtorità konvenuta ġiet mitluba terġa' tirrikonsidra d-deċiżjoni tagħha u ġiet ukoll mitluba tilliċenzja u tirreġistra ż-żewġ karrijiet funebri oħra illi kien xtara l-attur.
"Illi l-attur sussegwentement għamel ilment ieħor mal-Uffiċju minħabba r-rifjut tal-awtorità li tirreġistra l-erba' vetturi illi kien xtara u importa f'Malta. Però dawn il-proċeduri ma ġewx konklużi peress illi l-Gvern ħabbar il-liberalizzazzjoni tas-settur tal-*hearses* u konsegwentement dawn l-erba' karrijiet funebri ġew irreġistrati fil-15 ta' Lulju 2008."

3. L-attur jgħid illi d-dewmien biex inħarġu l-liċenzi "seħħ unikament minħabba oppożizzjoni inġustifikata u mingħajr ebda fondament legali jew fattwali da parti tal-awtorità konvenuta", li fil-fehma tiegħu mxiet *in mala fede*, u li minħabba f'hekk hu ġarrab danni. Għalhekk fetaħ il-kawża u talab illi l-Qorti:
"i. tiddeċiedi u tiddikjara illi l-awtorità konvenuta hija responsabbli għad-danni sofferti mill-attur *stante mala fede* u għemil illegali, abbużiv u irraġonevoli eżerċitat mill-istess awtorità;
"ii. tillikwida d-danni konsegwenzjalment sofferti *occorrendo* permezz tal-opera ta' periti nominandi;
"iii. tikkundanna lill-awtorità konvenuta tħallas lill-attur id-danni kif likwidati minnha"

4. L-awtorità konvenuta ressqet l-eċċezzjoni preliminari illi "l-azzjoni hi perenta, billi t-terminu perentorju ta' sitt xhur ikkontemplat fis-subinċiż (3) tal-artikolu 469A għadda".

5. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:
"… l-attur qiegħed jitlob lill-qorti sabiex tiddikjara lill-awtorità konvenuta responsabbli għad-danni illi huwa sofra minħabba *mala fede*, għemil illegali, abbużiv u irragonevoli u konsegwentement il-qorti qiegħda tiġi mitluba tillikwida d-danni sofferti mill-attur u tikkundanna

lill-awtorità konvenuta tħallas dawn id-danni hekk likwidati lill-attur.

"… … …

"Illi fil-każ odjern l-awtorità konvenuta eċċepiet illi l-attur qiegħed jippretendi illi hija aġixxiet *in mala fede* fil-konfront tiegħu. L-awtorità konvenuta issottomettiet illi r-rimedju għal dan it-tip ta' aġir hu kontemplat fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 u għalhekk irrispondiet a bażi tal-presuppost li din hija azzjoni li tressqet taħt l-artikolu 469A u għaddiet sabiex tagħti l-eċċezzjonijiet tagħha ibbażati fuq il-presupposizzjoni illi għamlet hi stess.

"L-awtorità konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha issottomettiet illi mill-qari tar-rikors ġuramentat jirriżulta li l-attur qiegħed jippretendi li l-awtorità konvenuta aġixxiet *in mala fede*, abbużat mill-poteri tagħha u li aġixxiet b'mod illegali meta damet biex tirreġistra l-karrijiet funebri in kwistjoni. L-awtorità konvenuta issottomettiet illi għalhekk l-azzjoni hija waħda għad-danni liema danni allegatament jirriżultaw b'konsegwenza ta' dan l-allegat aġir illegali tal-awtorità konvenuta u sabiex il-qorti tasal għad-determinazzjoni jekk l-awtorità hix responsabbli jew le għad-danni fil-konfront tal-attur, hija issottomettiet illi l-qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li tissindika l-aġir tal-awtorità konvenuta fil-konfront tal-attur u tiddeċiedi jekk kienx hemm xi forma ta' illegalità fir-rigward ta' dak l-aġir.

"Illi l-attur issottometta illi l-azzjoni tiegħu hija waħda għar-riżarċiment tad-danni u li huwa fl-ebda ħin ma talab għat-tħassir jew impunjazzjoni ta' xi għemil amministrattiv, iżda talab biss għas-sejbien ta' responsabilità għad-danni u riżarċiment konsegwenzjali.

"Illi l-fatt li l-awtorità konvenuta hija entità tal-Istat jew delegata ta' tali entitajiet ma jbiddel xejn minn dan kollu.

"Illi l-attur issottometta illi mill-premessi fir-rikors ġuramentat u t-talbiet dedotti fih jirriżulta illi l-azzjoni tal-attur hija waħda attenenti għar-riżarċiment ta' danni sofferti mill-attur minħabba r-rifjut jew dewmien min-naħa

tal-awtorità konvenuta biex twettaq id-dmirijiet tagħha fiż-żminijiet determinati. Huwa issottometta li l-awtorità konvenuta mhijiex tagħmel distinzjoni bejn l-azzjoni ġudizzjarja għat-twaqqigħ ta' għemil amministrattiv maħsuba mill-ewwel subinċiż tal-artikolu 469A u azzjoni għal riżarċiment ta' danni kontra awtorità pubblika, ikkontemplata kemm mill-ħames subinċiż tal-artikolu 469A u kif ukoll mill-prinċipji ġenerali tal-liġi, kif miġbura fil-Kodiċi Ċivili, illi jirrendu l-awtorità pubblika suxxettibbli għal talbiet min-naħa ta' ċittadini privati għal riżarċiment ta' danni minnhom subiti.

"Illi l-attur issottometta illi *una volta* l-artikolu 469A(3) jillimita espressament l-effetti tiegħu għal azzjonijiet għat-twaqqigħ ta' għemil amministrattiv imsejsa fuq l-impunjattiva li dak l-att amministrattiv ikun *ultra vires*, azzjoni għat-twaqqigħ ta' għemil amministrattiv fuq l-isfond li dak l-għemil jikser il-Kostituzzjoni hija eskluża mill-applikazzjoni tat-terminu perentorju ta' sitt xhur eċċepit mill-awtorità konvenuta, …

"Illi l-attur issottometta wkoll illi d-dritt ta' azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika għar-riżarċiment tad-danni ma hux naxxenti mill-ħames subinċiż tal-artikolu 469A, iżda l-ġurisprudenza nostrana in materja ta' dritt pubbliku hija mżewqa b'diversi deċizjonijiet li jikkonfermaw is-sindikabilità tal-Istat għall-aġir tiegħu mill-organu ġudizzjarju, għal fini tar-riżarċiment ta' danni, liema deċiżjonijiet kienu jippreċedu l-introduzzjoni tal-artikolu 469A fil-liġi tagħna.

"Għalhekk l-attur issottometta illi l-ħames subinċiż tal-artikolu 469A jippermetti azzjoni għar-riżarċiment ta' danni minħabba għemil amministrattiv kif ukoll illi kontestwament issir azzjoni għat-twaqqigħ ta' dak l-għemil, u għalhekk l-artikolu 469A(5) ma joħloqx dritt ta' azzjoni, iżda jipprovdi biss għal kumulu ta' talbiet f'azzjoni waħda u dan sabiex tiġi aġevolata l-ekonomija tal-ġudizzju.

"In sostenn ta' dan, l-attur issottometta illi id-disposizzjoni tal-liġi tikkontempla illi l-azzjoni għal riżarċiment ta' danni

tista' ssir flimkien mal-azzjoni għat-twaqqigħ ta' għemil amministrattiv.

"Illi l-attur issottometta wkoll illi mkien fir-rikors ġuramentat tiegħu huwa ma talab xi forma ta' determinazzjoni dwar il-legalità *o meno* tal-aġir tal-awtorità konvenuta. L-attur talab għal danni subiti minnu b'konsegwenza ta' atti illeċiti kommessi mill-awtorità konvenuta.

"… … …

"Illi l-qorti tara illi l-attur għandu raġun f'dawn is-sottomissjonijiet tiegħu. L-azzjoni tal-attur tressqet ukoll għal riżarċiment ta' danni illi huwa allegatament sofra b'konsegwenza tan-nuqqas da parti tal-awtorità konvenuta milli tadempixxi l-obbligazzjonijiet imposti fuqha bil-liġi, illi fil-każ odjern kienu jikkonċernaw liċenzjar f'waqtu tal-vetturi illi huwa kien importa u r-reġistrazzjoni tagħhom.

"Illi l-attur fl-ebda ħin ma talab sabiex jiġi impunjat dak l-għemil amministrattiv u għalhekk il-ħtija illi tista' tirriżulta minn dan in-nuqqas hija waħda delittwali … … …"

6. L-awtorità konvenuta, wara li kisbet l-awtorizzazzjoni tal-ewwel Qorti meħtieġa taħt l-art. 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-1 ta' Ġunju 2012 u talbet illi din il-Qorti, wara li tħassar is-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjoni tagħha. L-attur wieġeb għal dan l-appell fil-25 ta' Ġunju 2012.

7. L-aggravju tal-awtorità konvenuta, fi kliemha, "huwa msejjes fuq l-argument illi l-proċeduri odjerni ma setgħu jinkwadraw ruħhom imkien aktar ħlief fil-parametri tal-art. 469A u li għaldaqstant bħala tali l-azzjoni miġjuba hija perenta *ai termini* tal-art. 469A(3) tal-Kap. 12".

8. L-awtorità konvenuta kompliet tfisser dan l-aggravju hekk:

"… ir-rikorrent qed jippretendi li sofra danni li għalihom tirrispondi l-awtorità. Sabiex wieħed jasal għal determinazzjoni jekk l-awtorità hix responsabbli jew le għad-danni fil-konfront tar-rikorrent … l-ewwel onorabbli

Qorti kellha tissindika l-aġir tal-awtorità u tiddeċiedi jekk kienx hemm xi illegalità f'dan l-għemil tagħha.  Dan l-istħarriġ kellu neċessarjament isir fil-parametri tal-art. 469A tal-Kap. 12.

"L-art. 469A(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li, ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-"qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi għemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-għemil null, invalidu, jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss ....".  L-artikolu mbagħad jikkontempla tali azzjoni jekk l-għemil amministrattiv ikun bi ksur tal-Kostituzzjoni jew f'każ li l-għemil amministrattiv ikun *ultra vires.*

"L-appellat jallega li huwa qatt ma talab lill-ewwel onorabbli qorti sabiex tistħarreġ l-għemil tal-awtorità u li allura l-pretensjoni tiegħu hija msejsa fuq il-prinċipji ġenerali tad-dritt ċivili, partikolarment fuq dawk ir-regoli li jirregolaw id-delitt. Madankollu, jingħad bir-rispett illi fil-każ odjern hemm ċar u tond att amministrattiv li minnu r-rikorrent qiegħed jilmenta.  Dan jirriżulta minn qari anke *prima facie* tar-rikors ġuramentat u tat-talbiet li jsegwu. B'mod partikolari d-diċitura li tanima t-talbiet fir-rikors ġuramentat turi biċ-ċar illi dak li ssottometta l-appellat quddiem l-ewwel qorti huwa żbaljat u li meta r-rikorrent jilmenta minn għemil illegali, abbużiv, irraġonevoli u in *mala fede* tal-awtorità, huwa bil-wisq ovvju li hawn *si tratta* ta' allegat abbuż u eċċess ta' indole amministrattiva li allura jinkwadra fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.

"*Inoltre* jekk wiehed kellu jaċċetta t-teżi tal-appellat, ikun qed ixejjen l-effetti tas-sub-inċiż (3) tal-art. 469A li jsir sub-artikolu bla effett għaliex jekk ikunu għaddew is-sitt xhur, azzjoni xorta waħda tista tinġieb wara l-paraventu li din hija azzjoni ġenerali għad-danni.

"Hija l-fehma tal-awtorità appellanta illi dan ma jistax isir partikolarment ukoll meta dan is-sub-inċiż jikkontempla perjodu perentorju u li lanqas biss jista' jiġi interrott permezz ta' att ġudizzjarju jew b'kull mod ieħor li tista' tiġi interrotta l-preskrizzjoni.

"Jingħad għalhekk illi sabiex l-ewwel qorti tanalizza jekk kienx hemm responsabblità fid-danni kellha neċessarjament tistħarreġ l-għemil amministrattiv tal-awtorità. F'dan il-każ, l-għemil in kwistjoni, konsistenti fl-allegat rifjut, jew dewmien, ta' reġistrazzjoni ta' vetturi funebri da parti tal-awtorità, għandu jiġi sindikat u regolat skond il-liġi li tirregola l-atti amministrattivi tal-gvern u l-awtoritajiet pubbliċi, u *cioè* skond l-art. 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, l-istħarriġ ta' jekk l-għemil amministrattiv huwa *ultra vires* jew le jista' biss isir *ai termini* tal-art. 469A u kwalunkwe danni *se mai* jistgħu jintalbu biss skond l-art. 469A(5) tal-Kap. 12."

9. Fit-tweġiba tiegħu l-attur osserva illi:
"… in-natura ta' azzjoni ġudizzjarja tinsilet mill-premessi tal-att promotur u mit-talbiet dedotti fl-istess att … [M]ill-korp tal-att promotur jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku li din l-azzjoni hija waħda għar-riżarċiment tad-danni. Ma hemm l-ebda talba għat-tħassir jew għall-impunjazzjoni ta' xi għemil amministrattiv, iżda biss għas-sejbien ta' responsabbilità għad-danni, u riżarċiment konsegwenzjali. … "

10. Il-kwistjoni essenzjalment hija jekk it-talba ghad-danni tal-attur hijiex waħda taħt il-liġi ġenerali dwar danni *ex delicto vel quasi* jew hijiex taħt il-liġi speċjali tal-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li, fil-partijiet relevanti għal din il-vertenza, jgħid hekk:

"**469A.** (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi għemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-għemil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:

"(*a*) …;

"(*b*) meta l-għemil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:

"…

"(iii) meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

"(2) F'dan l-artikolu –

""għemil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, …;

"Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;

"(3) Kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(*b*) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv.

"…

"(5) F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni li tkun imsejsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet *in mala fede* jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra."

11. Il-premessa tal-azzjoni tal-attur hija illi l-awtorità konvenuta ħadet deċiżjoni – ir-rifjut li tippermetti r-reġistrazzjoni tal-vetturi – illi, għalkemm kienet fil-kompetenza tal-awtorità li teħodha, madankollu kienet ħażina għax ma hijiex raġonevoli u ttieħdet *in mala fede*. Jekk dan hu minnu, mela l-awtorità twieġeb għad-danni,

iżda jekk id-deċiżjoni kienet tajba u valida, mela l-awtorità nqdiet sew bis-setgħat tagħha u ma għandha tagħmel tajjeb għal ebda danni.

12. Għalhekk, hija premessa meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni tal-attur illi d-deċiżjoni tal-awtorità konvenuta tassew kienet waħda *ultra vires* għax abużiva u irraġonevoli: dan ma huwiex *datum* ta' fatt iżda jrid qabel xejn jiġi determinat billi tiġi mistħarrġa l-validità tal-għemil amministrattiv. Għalxejn l-attur jgħid illi "ma hemm l-ebda talba għat-tħassir jew għall-impunjazzjoni ta' xi għemil amministrattiv, iżda biss għas-sejbien ta' responsabbilità għad-danni", għax is-sejbien ta' responsabilità jista' jkun biss konsegwenza ta' stħarriġ dwar jekk ir-rifjut tal-awtorità kienx validu jew le. Il-fatt illi l-attur illum ma jeħtiġlux jitlob it-tħassir tar-rifjut tal-awtorità, għax il-permessi nħarġu b'konsegwenza tal-liberalizzazzjoni tas-suq, ma jfissirx illi ma jibqax meħtieġ li jsir stħarriġ tal-validità tar-rifjut biex jiġi determinat kienx għamil tajjeb jew le.

13. Dan l-istħarriġ huwa regolat bil-liġi speċjali tal-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

14. L-attur jgħid ukoll illi:

"… l-awtorità appellanta naqset milli tagħmel distinzjoni bejn l-azzjoni ġudizzjarja għat-twaqqigħ ta' għemil amministrattiv, kif maħsuba mill-ewwel (1) subinciż tal-artikolu 469A, u azzjoni għal riżarċiment ta' danni kontra awtorità pubblika li hija kkontemplata kemm mill-ħames (5) subinċiż tal-artikolu 469A, u kemm mill-prinċipji ġenerali tad-dritt, kif miġbura fil-Kodiċi Ċivili, li jrendu l-awtorità pubblika suxxettibbli għal talbiet da parti ta' ċittadini privati għal riżarċiment ta' danni subiti."

15. Tassew illi hemm differenza bejn att magħmul mill-amministrazzjoni pubblika u "att amministrattiv" magħmul fil-qadi tas-setgħat u d-dmirijiet ta' dik l-amministrazzjoni pubblika. Huwa minnu wkoll illi mhux kull delitt jew kważi-delitt magħmul minn awtorità pubblika huwa "delitt jew kważi-delitt li joħroġ minn att amministrattiv". Madankollu, fil-każ tallum id-deċiżjoni ta' rifjut tal-awtorità konvenuta ċertament kienet "att amministrattiv" kif imfisser fl-art. 469A(2), u meta l-azzjoni għar-riżarċiment tad-danni hija msejsa fuq "delitt jew kważi-delitt li joħroġ minn att

amministrattiv", li, biex tara hux delittwali jew le, trid l-ewwel tistħarreġ il-validità tiegħu, il-materja tibqa' regolata taħt il-*lex specialis*.

16. Din il-Qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti illi l-azzjoni tallum ma hijiex regolata bl-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

17. Biex ikun applikabbli wkoll l-art. 469A(3) dwar dekadenza, l-istħarriġ dwar l-att amministrattiv jeħtieġ li jkun dwar jekk l-għemil kienx *ultra vires* u mhux jekk kienx bi ksur tal-Kostituzzjoni. Fil-każ tallum l-allegazzjoni tal-attur imkien ma ssemmi l-Kostituzzjoni iżda hija illi l-għemil kien "illegali, abużiv u irraġonevoli". L-art. 469A(3) ukoll għalhekk jgħodd għall-każ.

18. Jonqos li jiġi determinat jekk l-azzjoni tassew inbdietx wara li għadda ż-żmien ta' sitt xhur mogħti fl-art. 469A(3). Dwar dan l-ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruħha u, biex ma ċċaħħadx lill-partijiet mill-possibilità tad-*doppio esame*, din il-Qorti hija tal-fehma illi hija wkoll ma għandhiex tippronunzja ruħha iżda għandha tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' *in parte* l-appell: tħassar is-sentenza appellata, tgħid illi l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħodd għall-każ tallum, iżda tħalli għad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti l-meritu tal-eċċezzjoni relattiva. Tordna għalhekk illi l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.

20. L-ispejjeż kollha ta' dan l-episodju, kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell, iħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------